# Beati u Qaddisin....Marzu

## 7 ta' Marzu
## Santa Perpetwa u Santa Felicita.

Perpetwa u Felicita kienu jghixu gewwa Kartagini fl-Afrika ta' Fuq fit-tielet seklu. Kien zmien persekuzzjoni harxa kontra l-insara mill-imperatur Severus Septimus.
Perpetwa kienet zaghzugha ta' 22 sena bint nobbli sinjur. Fi tfulitu kienet imxabba b'dak kollu li xtaqet. Imma l-maturita' taghha gaghlitha taghraf li Gesu' Kristu kien ihobbha u li l-fidi nisranija li haddnet kienet l-aqwa haga li setghet tippossedi, aktar minn kull haga ta' valur fid-dinja. Minhabba dan sabet ruhha pruguniera.

Missierha kien pagan. Gamlet dak kollu li seta' biex jpperswadiha tichad il-fidi taghha imma hija baqghet soda fil-fidi taghha minkejja li kellha tabbanduna lil-zewgha u lit-tarbija taghha.


Giovanni Gottardi, Martirio delle Sante Perpetua e Felicita, 1780-90, Pinacoteca Faenza

Il-qaddejja taghha, Felicita, nisranija wkoll sabet l-istess xorti tas-sinjura taghha. Huma kienu hbieb tal-qalb kbar. It-tnejn kienu jaqsmu l-istess sentimenti u twemmin fil-fidi nisranija u Gesu'. Felicita kienet lesta bhal sidtha biex thalli hajjitha ghal Kristu.

Fil-habs baghtew shana terribli minhabba li kien hemm affollament kbir ta' prugunieri. Sahansitra il-gwardi kienu jiddiehqu bihom u jghadduhom biz-zmien. Waqt li kienet qed twelled, Felicita batiet hafna u l-gwardja qalilha b'moghdija taz-zmien: "Jekk qed tbati issa ara kemm sejra tbati hemm fl-anfiteatru quddiem il-bhejjem selvaggi li ser iqattuk."

Hija dlonk wegbitu: "Hemm naqsam it-tbatija tieghi ma' dak li fih jiena nemmen."

Felicita' kienet ukoll zaghzugha. Welldet fil-habs u t-

tarbija taghhagiet addotata minn mara nisranija ta’ kostumi tajba. Wara li kienu moghtija s-sentenza tal-mewt it-tnejn hargu id f’id biex jiffaccjaw il-martirju. Kien attakkati mill-bhejjem selvaggi u imbaghad qatghulhom rashom. Mietu madwar is-sena 202.